KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 19_20/06/07/V

## MINUTI TAD-DSATAX IL-SEDUTA

**Id-dsatax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 20 ta' Ġunju, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella**<br>**Margaret Ann Azzopardi** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-5pm (minħabba li kien hemm laqgħa oħra kif kien miftiehem fl-aħħar seduta dwar il-proġett *TownSquare* ma' l-iżvilippaturi) b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 17_9/05/07 u tas-seduta 18 Ad Hoc_6/06/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
5. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
6. **Deċiżjoni dwar it-*tenders* ta' tabelli u sinjali**
7. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1.0 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 17

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1 L-ewwel korrezjoni kienet proposta mill-kunsillier M Briguglio f'paġna 2 artiklu 2.2 fejn wara l-frażi "**u xi ħadd ma kienx aċċetta**" għandha tidħol din il-frażi "**u staqsa jekk dan huwiex minnu.**"

1.2 It-tieni korrezzjoni proposta mill-kunsillier M Briguglio tinsab f'paġna 6 artiklu 5.13 fejn għandha titneħħa l-kelma "**kummerċjali**" biex il-frażi tiġi tinqara "**ta' tlett snin fuq żvilupp li huwa klassifikat bħala *large scale.***"

1.3 It-tielet korrezzjoni kienet proposta mill-kunsillier M Debono tinsab f'paġna 6 artiklu 5.14 fejn wara l-ewwel sentenza għandha tidħol din is-sentenza, "**Il-kunsillier M Debono talab li jitniżżlu l-ismijiet. Il-votazzjoni kienet 3 Favur (M Debono, M Aquilina, M Briguglio) u 4 Kontra ( Sindku, Viċi Sindku, L Vella u N Dimech).**"

1.4 Il-kunsillier L Vella ppropona l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 17 kif emendati. Il-kunsillier N Dimech issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI -SEDUTA NUMRU 18

Il-minuti gew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-kunsillier L Vella ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati. Il-kunsillier N Dimech issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 2.0 MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI (SEDUTA NUMRU 17)

2.1 Il-kunsillier J Galea staqsa x'kien sar dwar l-*iskateboard park.* Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li l-informazzjoni relatata kienet se tgħaddi waqt komunikazzjoni mis-sindku.

2.2 Il-kunsillier J Galea staqsa x'kien sar dwar it-*telephone booths* tax-*Shigo*. Is-sindku rreferiet għall-ittra li kienet intbagħet mill-kunsill fejn is-sid kien diġa' ngħata żmien stipolat sabiex jirranġa dawn it-*telephone booths* liema data issa kienet għaddiet. Il-kunsillier M Debono ssuġġerixxa li nibagħtu ittra fejn ngħidulu sabiex jaqlagħhom kollha. Ġie rrimarkat l-fatt li hemm reklami mwaħħla wkoll ma' l-istess *telephone booths.* Il-kunsillier L Vella qal li għandna nieħdu parir mingħand l-avukat qabel ma nieħdu xi azzjoni minħabba li s-sid jista jkollu xi permessi mad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-kunsill bi qbil unanimu ddeċieda li għandha tinqala t-*telephone booth* li tinsab quddiem id-Diplomat liema *telephone booth* għanda tintefa fil-garaxx fi triq Manwel Dimech. Il-kunsill għandu jipprova jaqla din it-*telephone booth* bil-ħaddiema tal-kunsill stess.

2.3 Il-kunsillier M Briguglio staqsa jekk konniex bagħtna l-korrispondenza lil *Plaza shopping centre* dwar it-tabelli sabiex jintużaw il-lattrini li jinsabu fil-kumpless tagħhom temporanjament kif ukoll biex jintużaw il-lattrini għal nies bi bżonnijiet speċjali. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li l-ittra kienet intbagħtet pero' għadna ma' irċevejniex risposta. Il-kunsillier L Vella sostna li l-lattrina li tinsab fil-kumpless hija lattrina pubblika u kulħadd għandu dritt għall-użu tagħha. Il-kunsill iddeċieda li għandhom jitwaħħlu tabelli temporanji sabiex jintużaw il-lattrini fil-kumpless Plaza sakemm jitlesta x-xogħol filwaqt li għandhom jitwaħħlu tabelli permanenti sabiex jindikaw lil nies li jużaw siġġu bir-roti sabiex jużaw il-lattrini li jinsabu fl-istess kumpless.

2.4 Is-sindku talbet lill-kunsill li s-seduta li jmiss issir fil-11 ta' Lulju 2007. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.5 Is-sindku għarrfet lill-kunsilliera li l-perit tal-kunsill kien aċċetta li jnaqqas is-somma dovuta lejh dwar ir-rapport imħejji minnu fuq *Fort Cambridge* u kien bagħat *invoice* ta' Lm1486 (€3461.44) liema kont kien tħallas.

*Il-kunsilliera M. A Azzopardi daħlet għas-seduta fil-5.30pm*

**MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI (SEDUTA NUMRU 18)**

Il-kunsillier J Galea rrefera għal RPZ u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar dan il-każ. Is-segretarju eżekuttiv irreferieh għax-*schedule of meetings* peress li kien hemm laqgħa dwar dan is-suġġett.

**5. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

5.1 Il-kunsillier N Dimech talab lill-kunsill jiċċekkja dwar il-possibilta' li jkun hawn *battery operated vehicles* f'Tas-Sliema liema flus għal dan il-proġett jingħabu mill-Unjoni Ewropeja. Il-kunsillier M Briguglio rrefera għal-laqgħa li kellna mas-sinjorina Briguglio u tkellem dwar il-bżonn li jkun hawn xi ħadd fuq bażi *full time* bħala *EU fund manager*. Il-kunsillier Briguglio qal li għandha ssir sejħa għall-applikazzjonijiet. Il-kunsillier M Debono qal li hawn anke kumpaniji privati li jipprovdu dan is-servizz. Saret riferenza għad-diversi kunsilli lokali li rnexxielhom jakkwistaw fondi sabiex jgħidulna x'sistemi għandna naddottaw. Il-kunsillier M Debono qal li l-*lobbying* li jrid issir ukoll huwa importanti. Ġie deċiż li għandna nagħmlu r-riċerki neċessarji ma' kunsilli lokali oħra bħal Kunsilli ta' San Lawrenż u tan-Nadur f'Għawdex.

5.2 Il-kunsillier M Briguglio talab li l-kunsill għandu jiċċekkja jekk fit-tender li kienet nħarġet mill-MEPA kienx hemm imniżżel fl-ispeċifikazzjonijiet li l-vettura għandha jkollha *taillift*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 3.0 KOMMUNIKAZZJONIJIET (KORRISPONDENZA U ĦLAS TA' PAGAMENTI)
## 4.0 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-sindku rreferiet għall-korrispondenza kollha li kienet intbagħtet lil AX Holdings liema risposta l-kunsill ma kienx irċieva. Is-sindku pproponiet li ma nagħtux iktar permessi fi triq il-kbira relatati ma' dan l-iżvilupp qabel ma' jtina risposta adekwata. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

3.2 Is-segretarju rrefera għall-*email* mibgħuta mingħand Jennifer Oakley fejn talbet permess mil-kunsill sabiex ikunu jistgħu jinġabru fondi fit-30 ta' Ġunju u 1 ta' Lulju 2007 sabiex hija u tlett kollegi minn tagħha jkunu jistgħu jitilgħu ħmistax–il ġurnata jagħmlu xogħol volontarju f'Lourdes. Il-kunsill qabel ma' din it-talba diment li t-talba tagħha dwar kif se jinġabru l-fondi tkun waħda aċċettabli.

3.3 Il-kunsillier L. Vella staqsa dwar il-permessi ta' l-istabbillimenti tax-Xatt minħabba li dawn mhumiex qegħdin iħallu aċċess għan-nies. Fuq dan il-punt saret diskussjoni fuq dawn is-sidien ta' ristoranti u bars li qegħdin jagħmlu ostruzzjoni għall-passaġġ tan-nies minn fuq il-bankina bl-imwejjed u siġġijiet. Is-sindku rreferiet għal fatt fejn il-Kunsill kellu jiċċekkja sabiex naraw jistax jitwaħħal tip ta' *railing* biex jiddistingwi l-*border line*. Madankollu meta kienet iċċekkjat ma' l-MTA kienu rreferewna lill-MEPA u lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Ġie ċċarat il-punt li diment li jkun hemm marki propji, il-kunsill ikun jista jibgħat lill-gwardjani lokali sabiex jassiguraw li ma ssir l-ebda ostruzzjoni għall-passaġġ tan-nies fuq il-bankini. Il-kunsill iddeċieda li bil-ħaddiema tal-kunsill isiru passaġġi mmarkati bit-*tennis court paint* aħdar liema passaġġ għandu jkun wiesgħa 1.2 metru liema passaġġ għandu jinbeda minn ħdejn l-istabbilment *La Rive* u għandu jibqa għaddej sa ħdejn *Forestals* fejn ikun japplika l-każ.

3.4 Il-kunsillier Briguglio rrimarka li hemm ħadida li qed tagħmel ostruzzjoni fuq il-kosta ħdejn L-Exiles waterpolo club. Ġie deċiż li nibagħtu ninformaw lill-pulizija ħalli tinqala. ✓

3.5 Il-kunsillier J Galea rrefera għat-talba mill-*Malta Chess Federation* li kellhom l-ħsieb li jorganizzaw attivita' x'imkien mal-*promenade* fejn ic-*champion* ta' Malta jkun jista jikkompeti ma' ħafna parteċipanti fl-istess ħin. Il-kunsillier J Galea qal li l-kunsill jista jipprova jottjenilu *sponsor* għal din l-attivita' sabiex tkun tista tittella tinda. Is-sindku rrimarkat li din l-attivita' se titella' mill-*Malta Chess Federation* u allura għandhom jkunu huma li jġibu l-*isponsor* u mhux il-kunsill. Il-kunsill approva li ssir din l-attivita' liema data għad trid tiġi stabbilita minn din l-għaqda.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-istima li kien ottjena mingħand il-kuntrattur Ray Cachia dwar triq San Piju V li huwa l-kuntrattur tal-kunsill dwar xogħlijiet żgħar ta' *patching* u ta' bankini. Is-segretarju eżekuttiv qal li skond l-istima provduta x-xogħol fuq bankini se jiġi jiswa Lm2621.86 (€ 6107.29) filwaqt li x-xogħol ta' *patching* jiġi jiswa Lm2418.75 (€ 5634.17). Il-kunsill iddeċieda li għandu jipprova jagħmel din il-bankina fil-parti ta' fuq ta' San Piju V bil-*joint venture* filwaqt li għandna nutilizzaw lill-perit tal-kunsill sabiex jiddeterminna l-ammont tal-bankina li trid tidjieq. Il-kunsillier M Debono qal li hemm parti minn triq il-Lunzjata li trid issir ukoll. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku rrimarka l-biċċa t'istel ta' Triq it-Torri (max-Xatt) tinsab fi stat disastruż. Is-sindku spjegat li x-xogħlijiet li kien immarka l-kunsill kienu tlestew u allura kien hemm bżonn li jerġa jiltaqa' l-bord sabiex jiddeterminna iktar bankini li jridu jsiru. ✓

3.7 It-talba mingħand is-sur Gambin tas-*Surfside* sabiex ikollu l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex ikun jista jorganizza *beach parties* kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar ma ġietx milqugħa mill-kunsill. Il-Viċi Sindku rrefera għal mod ħażin kif il-kuntrattur ta' dan il-post ibattal l-iskart kif ukoll li l-kunsill irid jiċċekkja dwar reklam li għandu mwaħħal biex naraw jekk japplikawx il-*ByeLaws*. Saret riferenza wkoll għall-fatt li r-reċipjent ta' l-iskart tiegħu qed jitqiegħed barra kif ukoll li għandu kaptell perikoluż. Il-kunsillier M Debono ppropona li għandna nibagħtulu ittra bl-avukat rigward dan il-kaptell perikoluż. Kien hemm deċiżjoni li nibgħatu l-gwardjan filgħaxijiet minħabba l-ammont ta' vetturi li qegħdin jidħlu mix-xatt sabiex jaslu sa dan l-istabbiliment.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-istima li kienet inġabet sabiex jiġi rranġat l-apparat tal-logħob li jinsab fi Ġnien Indipendenza skond kif kien ġie rrimarkat fis-*safety audit*. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-tlett kwotazzjonijiet li kienu nġabru dwar l-injam li kellu jintuża biex jiġi rranġat dan l-apparat fejn l-orħos kwotazzjoni kienet tammonta għal Lm335.50 (€781.50) filwaqt li l-istima għax-xogħol kienet tammonta għal Lm250 (€582.34) liema stima kienet intbagħtet mingħand is-sur Martin Micallef. Il-kunsill qabel ma dawn l-istimi bil-kundizzjoni li tingħata garanzija ta' sentejn fuq dan ix-xogħol ta' manutenzjoni.

3.9 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-kopja tal-*lease agreement* li l-kunsill kien irċieva mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar l-uffiċini amministrattivi tal-kunsill liema kirja tammonta għas-somma ta' Lm882 (€2,054.50) fis-sena liema ftehim jidħol fis-seħħ b'mod retroattiv mill-bidu tas-sena 2006. Il-kunsill qabel ma' dan il-*lease agreement* iżda l-kunsill għandu jipprovdi pjanta tal-post ma' dan l-arranġament.

3.10 Is-sindku rreferiet għar-risposta kollettiva mill-kappillani tal-parroċċi kollha li jinsabu f'Tas-Sliema fejn ma qablux mal-proposta tal-kunsill biex isir *notice board* tal-kunsill fuq kull zuntier. Il-kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu wkoll lill-knisja ta' l-Anglikani kif ukoll lis-St Patricks sabiex jikkunsidra li jwaħħlu *noticeboards* tal-kunsill.

3.11 Is-sindku rreferiet għall-korrispondenza li konna rċevejna mingħand is-sur Vella (*Manager Nursing services*) sabiex il-kunsill jikkunsidra li jieħu s-servizz dwar l-għoti ta' l-insulina u moniteraġġ ta' *glucose* permezz ta' infermiera kkuntrattati mill-kunsill. Il-kunsill ma' laqax din it-talba.

3.12 Is-sindku rreferiet għall-korrispondenza li konna rċevejna mingħand is-sur Vince Grech għan-nom tal-MEPA fejn urew qbil li jibdew isiru laqgħat regolari mal-kunsill dwar infurzar.

3.13 It-talba mingħand is-sur Joseph Schembri sabiex itella wirja tal-pitturi fil-kunsill ġiet milqugħa filwaqt li rridu navżaw lis-sur Schembri bil-ħinijiet tal-kunsill.

3.14 Il-kunsill iddeċieda bi qbil unanimu li tingħata donazzjoni ta' Lm50 (€116.46) għal *4 life marathon* li se tkun qed tiġbor fondi għal dawn l-għaqdiet li ġejjin *Arka Foundation, Dar il-Kaptan, Dar Nazareth* u sorijiet ta' l-Ursulini liema attivita' se ssir *baystreet* fit-28 ta' Lulju 2007.

3.15 Is-sindku rreferiet għar-risposta li kienet intbagħet mis-Superintendent Spiteri fejn wieġeb li l-korp tal-pulizija dejjem iżid is-sorveljanza fis-sajf max-xtut iżda jekk il-kunsill irid pulizija pajżana se jkollu jħallas għalihom. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan.

3.16 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li konna rċevejna mill-AKL dwar il-possibilta' li l-kunsill ikun jista jidħol f'arranġament mal-Maltacom liema korrispondenza kienet intbagħet lill-kunsilliera kollha. Dan l-arranġament ma' ġiex milqugħ mill-kunsill filwaqt li s-segretarju eżekuttiv ġie nkarigat li jiċċekkja ma' kumpanniji oħra biex nipprovaw nottjenu rati aħjar.

3.17 Is-sindku rreferiet għall-offerta ta' kotba mingħand il-*Wiseowl publications* fejn offrew lista ta' kotba b'roħs speċjali fejn minnflok is-somma ta' Lm82.61 (€192.42) titħallas is-somma ta' Lm50 (€116.46). Il-kunsill iddeċieda li għandna niċċekkjaw l-ewwel mal-librara.

3.18 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-kwotazzjonijiet li kien ġab għax-xiri ta' żurżieqa ġdida sabiex tinbidel dik li kien hemm eżistenti fil-bandli ta' Qui Si Sana kif ukoll għat-tapit li kien hemm bżonn li jsir kemm għaż-żurżieqa kif ukoll għall-apparat l-ieħor li kellu jiġi arranġat fi Ġnien Indipendenza. Il-kunsill iddeċieda li jagħżel iż-żurżieqa tal-ħadid mingħand John G Cassar Ltd li tammonta għal Lm1100 (€2562.31) minħabba li kienet l-orħos kwotazzjoni.

Il-kunsill iddeċieda wkoll li naċċettaw l-istima ta' John G Cassar għas-*safety tiling* b'ċifra ta' Lm13.95 (€32.49) għal kull metru kwadru inkluż l-installazjoni minħabba li kienet l-orħos kwotazzjoni offruta. Is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsill li apparti minn dawn l-ispejjeż se jkun l-ispejjeż ukoll tas-*subbase* qabel it-twaħħil ta' dan l-apparat.

3.19 Ġie deċiż li d-delegazzjoni li se żżur Les Sables D'Olonne se tagħmel dan bejn l-24 u s-27 ta' Awissu 2007. Is-segretarju eżekuttiv ġie nkarigat sabiex jiċċekkja kemm tiġi tiswa biex jitilgħu l-*partners*.

*Il-kunsillier L. Vella ġie skużat mili jkompli jattendi l-laqgħa fis-7.15pm.*

3.20 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-artikli miktuba mill-kunsilliera għall-magazin u għamel riferenza għall-korrispondenza li kienet saret bejnu, bejn l-avukat u l-kunsillier M Debono rigward ċertu emendi li kellhom isiru minħabba l-possibilta' li l-artiklu jkun libelluż. Il-kunsillier M Debono qal li l-avukat ma' kienx speċifiku meta mmarka l-frażijiet/sentenzi li ħaseb li kienu libellużi. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-risposti kollha li kien ta' l-avukat tal-kunsill. Il-kunsillier J Galea sostna li kull kunsillier għandu jkun responsabbli għal dak li jikteb. Il-Viċi Sindku qal li iktar minn hekk, il-kunsill irid jeżonera lill-editur minn kwalunkwe responsabbilta' fil-każ li xi ħadd jiftaħ libell fuq artiklu ta' kunsillier. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, il-kunsillier M Debono iddeċieda li jerġa jemenda parti mill-artiklu tiegħu.

*Il-Viċi Sindku ġie skużat milli jkompli jattendi l-laqgħa fis-7.25pm*

3.21 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mas-sur Julian Cassar mill-Ministeru tal-MIIT dwar il-possibilta' li ssir żona ta' WIFI fi Ġnien Indipendenza. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kunsill ġie rrakkomandat li jkellem lil rappreżentant mill-Onvol sabiex tinġab stima. Il-kunsillier M Briguglio qal li fil-każ għandna nipprovaw inġibu stima mingħand ħaddieħor ukoll. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien hemm inizjattiva oħra li jkun hemm WIFI b'xejn biex taċċessa ċertu siti biss



hekk kif jitolbu r-regoli finanzjarji

liema inizjattiva kienet qiegħda ssir mingħand is-sur Thake għan-nom ta' *Vanilla Telecoms Ltd.*

3.22 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-twegiba li konna rċevejna mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport fejn kienu nfurmaw lill-kunsill li s-segretarju tal-*Malta Skaters Association* huwa s-sur Yuri Omar Khan. Il-kunsill iddeċieda li għandu jibqa jipproċedi b'dan il-park filwaqt li għandha ssir laqgħa ma' l-Assoċjazzjoni tal-Boċċi meta din l-Assoċjazzjoni ssib xi post adattat.

*Il-kunsillier N dimech kien skużat fis-7.40 pm*

3.23 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-oġġezzjoni minn Astrid Vella għal applikazzjoni li tinsab 9 Triq Dingli liema oġġezzjoni saret fuq diversi punti. Il-kunsillier M Briguglio qal li ma tistax iżomm l-iżviluppatur milli jtella 5 sulari iżda hemm min huwa kkonċernat li l-iżvilupp se jestendi fil-*backgardens* u allura se jnaqqas id-dawl lil ċertu residenti. Il-kunsillier M Debono ppropona li l-faċċata tad-dar eżistentii għandha tinżamm filwaqt li l-iżvilupp għandu jsir f'kuntest tal-bini tal-madwar liema ittra għandha tintbagħat lill-MEPA. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier N dimech daħal lura fis-7.50 pm*

3.24 Is-segretarju eżekuttiv qara l-korrispondenza li konna rċevejna mingħand TBA periti għan-nom ta' *GAP holdings* rigward il-proġett ta' *Fort Cambridge* u rrefera għal punti importanti dwar il-laqgħat li kienu saru kemm ma' l-avukat tal-MEPA Dr Stafrace kif ukoll għall-laqgħa li kienet saret ġimgħa wara mal-perit Farrugia u l-*case officer* Bernard Ferry. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-*Full Development application* kienet għadha kif ġiet sottomessa l-MEPA. Il-kunsiller M Debono ppropona li min-naħa tal-kunsill ma' jinħarġux permessi qabel ma tingħata garanzija bankarja li tammonta għal Lm170,000 (€39599.34) skond ir-rapport tekniku li kien tħejja mill-perit tal-kunsill. Il-kunsillier M Debono ppropona li saħansitra tintbagħat ittra bl-avukat tal-kunsill. Is-sindku żiedet li l-kunsill għandu jagħmel l-almu tiegħu sabiex jissalvagwardja lill-infrastruttura tiegħu għaliex iż-żamma u manutenzjoni tat-toroq taqa taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.25 Ġie deċiż li l-kunsill jixtri ammont ta' *dog litter bins* mingħand *Hardware Services Ltd* għas-somma ta' Lm58 (€135.10) inkluż il-VAT għal kull *litter bin* minħabba li kienet l-orħos offerta liema *litter bins* għandhom jitwaħħlu matul il-*promende* qabel it-taraġ kif ukoll tnejn ħdejn l-Exiles qabel l-inżul għall-bajja u oħra kif ukoll għal Qui Si Sana.

3.26 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-lattrina li qegħda ssir fi Triq Bisazza u spjega li l-madum kien ġie ordnat u x-xogħol jinsab għaddej b'ritmu tajjeb. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera li t-taraġ eżistenti għandu bżonn li jinbidel u l-istima tal-materjal għaż-żewġ lattrini kienet ta' Lm200 (€465.87) filwaqt li kien hemm bżonn li jinxtraw xi bozoz għal barra wkoll. Kien hemm qbil unanimu li għandu jinxtara dan il-materjal. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li kien ġie spjegat qabel, hemm bżonn li jinxtraw ukoll ċertu aċċessorji bħal *hand dryers*, *soap dispensors* u mirja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata milli tkompli tattendi s-seduta fis-7.55pm.*

3.27 Il-kunsill approva li jsir *jumble sale* f'Għar id-dud nhar is-Sibt 4 ta' Awissu 2007 ħdejn *TGI Fridays* liema attivita' ilha ssir mill-1994 liema talba saret mill-professur J M Portelli għan-nom ta' *Smile for Albania.*

**PAGAMENTI**

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iskeda tal-pagamenti li kienet intbgħatet lill-kunsilliera ma' l-agenda. Il-kunsillier J Galea ippropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti ċekk numru 8650, u minn 8719 sa 8761 u l-kunsillier M Briguglio ssekondah. Kien hemm qbil unanimu dwar il-pagamenti.

**4.0 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Ma kienx hemm aktar komunikazzjonijiet.

**6.0 DEĊIŻJONI DWAR IT-*TENDERS* TA' TABELLI U SINJALI**

Dan is-suġġett reġa ġie pospost għas-seduta li jmiss.

**7.0 AFFARIJIET OĦRA**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 p.m.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**